MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 316/2008

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Mejju 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla; li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat : b’difett serju ta’ diskrezzjoni t’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, wkoll minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essezzjali tal-hajja mizzewwga tad-dritt ghall-att taz-

zwieg, u minhabba li ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohha,ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew to rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u u dan *ai termini* ta' l-artikolu 19 (1) (d) (f) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;ghalhekk iz-zwieg celbrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-Ligi ;

Ghaldaqstant, in vista ta' dan kollu fuq premess, l-attur jitlob lil dina l-Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Mejju 1999 huwa null u minghajr effett fil-ligi; bl-ispejjez.

Rat li l-konenut ma prezentax risposta guramentata ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-7 ta' Mejju huwa null fil-ligi, *stante* li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenut mapprezentax risposta.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet iz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewgu, wara gherusija ta' 6 snin, fis-7 ta' Mejju 1999, meta l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 29 sena; wara hames [5] snin twieldet tifla u wara tlett snin isseparaw bonarjament ghax l-attrici sabitha difficli tibqa fil-hajja matrimonjali.

*Verzjoni attrici*
L-attrici kellha biss 16 il-sena meta bdiet relazzjoni mal-konvenut li kien 7 snin akbar minnha. Kien l-ewwel boyfirend taghha u kienu jahdmu flimkien fl-istess fabbrika. Minn kmieni fl-gherusija bdew relazzjoni intimi.

Tgharrsu formalment wara sentejn u hadu l-pass taz-zwieg pero l-attrici tghid li '*mhux ghax verament ridt nizzewweg, imma ghax ghamilt bhal haddiehor.'* (folio 12). Dan il-pass hadditu biex ma tiddisapuntax lill ta' madwarha ghax skond hi kellha hafna hsibijiet u emozzjonijiet differenti - dubji u ndecizzjonijiet kontra z-zwieg. Tispjega kif stinkat u nnsistit biex tipprepara ghaz-zwieg *'biex qisni nikkonvinci lili nnifsi li dan kien il-pass li imissni naghmel f'hajti.'* (Folio 13)

Tiddeskrivi l-hajja matrimonjali bhala *'pacifika'* ghax mill-karattru taghha hi bniedma li tevita l-konfronti ; dana ghalkemm pero kienet thoss li *'konna qed nghixu mhux hajja ta' mizzewwgin izda zewgt ahwa taht l-istess saqaf.'* (Folio 14).

War 5 snin xtaqghet li jkollha tarbija bl-isperanza li jinbiddlul-affarijiet, imma il-hajja konjugali marret ghall-aghar – *'Bridna aktar lejn xulxin u spiccajna kulhadd jghix ghal rasu izda fl-istess dar. Anha effettivatment isspeparajna fis-sajf-2007.'* (Folio 14) Wara is-separazzjoni, sena wara bdiet relazzjoni ma ragel iehor u illum tghix mieghu.

*Verzjoni konvenut*

Skond il-konvenut il-problemi fil-hajja matrimonjali inqalghu ghax hu kien jahdem hafna. Jghid li l-attrici telqet *'ghax iddejjqet nimmagina u kellha relazzjoni ohra diga'. Fil-fatt jien ghalhekk meta qaltli biex nisseparaq ghamilniha bonarja.*

Jiddeskrivi r-relazzjoni matrimonjali ta' tmien snin bhala *'normali'* (Folio 63) u jikkumenta li *'l-aktar li saret is-separazzjoni minhabba x-xoghol.'* (folio 64). Jixhad li hu kien jaf li meta gew biex jizzewwgu l-attrici ma kienetx ghadha certa u ma hassritx biex ma tiddizappuntax hafna nies.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qort**

Illi, dan iz-zwieg sehh wara gherusija ta' tmien snin u meta l-attur kellu 29 sena u l-konvenuta kellha 22 sena. Kien hemm is-solitu preparazzjoni – gherusija formali, xiri tad-dar matrimonjali b'ghajnuna ta' *bank loan*, it-tieg u l-

honeymoon. F'din il-hajja ippjanaw li jkollhom tarbija, u tlett snin wara ssepparaw.

B'difett ta' discrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma'ntendihiex sempliciment kull stat ta' immaturita' li kwalunque parti tista tkun fiha f'dak il-mument tal-kunsens. Il-Qorti tirrikonoxxi li kieku l-legislatur talab ghall-maturita piena u perfetta, ftit hafna kienu ikunu, jekk ikunu, dawk iz-zwiegijiet, li jigu ddikjarati validi.

F' dan il kaz l-partijiet kellhom l-eta' u l-maturita sufficjenti biex wiehed jizzewweg. Qabel iz-zwieg irriflettew u ppreparaw bis-shih ghall-pass li kienu ser jiehdu, billi xtraw id-dar matrimonajli etc. L-gherusija kienet twila bizzejjed biex il-partijeit jikkomprendu, jaccettaw u jaggustjaw ruhhom ghal xulxin.

Il-Qorti tinnota li l-konvenut qal li ma ghamilx risposta ghax hekk kienet qaltlu l-attrici, *'qaltli li jekk ma nitlax nohduh it-tnejn u prattikament tiehdu u ma tiehdux ma taghmilx differenza ghalija'* (Folio 61). Jixhad li l-attrici qatt urietu li kellha dubji u indecizjonijiet qabel iz-zwieg li, skond hi. effettwaw il-kunsens taghha.

L-attrici tilmenta mill-kwalita tar-relazzjoni sesswali kemm matul l-gherusija, kif ukoll waqt il-hajja konjugali; izda dan il-fatt ukoll huwa michud mill-konvenut.

Huwa fatt li kull parti, fil-mument tal-kunsens taz-zwieg, ikollu l-pretenzjoni li l-konvivenza matrimonjali ser tkun wahda ideali. Bosta drabi jigri li l-affarijiet jibdew imorru xi ftit kuntrarju u mhux kif wiehed jixtieq u dawn jeffettwaw il-felicita tal-hajja konjugali u r-relazzjoni matrimonjali jista jkun li tispicca biex titfarrak. F'kazijiet bhal dawn pero, ma jfissirx li z-zwieg tfarrak ghax il-kunsens kien vizzjat b'xi mod. Dawn huma biss tentattivi fjakki sabiex tinstab xi kawzali biex jippruvaw jivvizzjaw issa, kunsens li kien validu meta nghata.

Mill-provi jidher li kemm l-attur u kemm il-konvenuta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kienu ppreparati u kienu fehemu s-sinifikat u l-import tal-

kunsens matrimonjali, u l-obbligazzjonijiet tal-konvivenza matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma ngustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------